**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 662/22**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**Vs**

**Martin Bugeja Bianco**

**Illum 25 ta' Ġunju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Martin Bugeja Bianco**, iben Horace u Gemma neè Farrugia, imwieled il-Pietà nhar it-8 ta' Ottubru 1970, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0441870(M), talli nhar id-9 ta' Novembru 2022 bejn 17:00hrs u 18:00hrs, ġewwa 11A, Shalom, Triq il-Bidni, Marsaskala, u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' martu Caroline Bugeja Bianco f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa u cioè offiża ta' natura gravi fuq l-istess Caroline Bugeja Bianco;

2. U aktar talli fl-istess data, ħinijiet u ċirkostanzi, ħebb kontra Rydon Lee Bianco sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali;

3. U aktar talli fl-istess data, ħinijiet u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Rydon Lee Bianco, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża, kontra Martin Bugeja Bianco a benefiċċju ta' Caroline Bugeja Bianco u Rydon Lee Bianco, u dan ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti: (ii) tipprovdi għas-sigurtà ta' Caroline Bugeja Bianco u Rydon Lee Bianco u sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat torbot lil Martin Bugeja Bianco billi tapplika l-Artikoli

382A *et seq.* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u/jew torbot lil Martin Bugeja Bianco b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq.* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq; (iii) minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lil Martin Bugeja Bianco sabiex iħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta ta' l-14 ta' Novembru 2022, markati Dok. "SB1" sa' Dok. "SB9" a fol. 7 sa' 18 tal-proċess;

Rat li l-imputat iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat id-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' l-imputat għas-salvagwardja ta' Caroline Bugeja Bianco datat 14 ta' Novembru 2022[2];

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Sherona Buhagiar[3], ta' Caroline Bugeja Bianco[4] u ta' Rydon Lee Bianco[5] mogħtja waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru 2022 u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Sherona Buhagiar markati Dok. "SB10" sa' Dok. "SB14" a fol. 36 sa' 39 tal-proċess u Dok. "SB15" bl-Esebit Nru. KA388/2022, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri[6] u tat-Tabib Dr. Mark Aquilina[7] mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar 2023 u rat ir-Relazzjoni ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri markata Dok. "MS" a fol. 74 sa' 83 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tat-Tabib Dr. Daniel Fenech[8], ta' PC2339 Whitney Hili[9] u ta' PS2334 Lorraine Caruana[10] mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Frar 2023 u x-xhieda ta' l-Avukat Dr. Alexandra Mamo[11] u PC575 Mark Tonna[12] mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Marzu 2023 u rat it-traskrizzjoni ta' l-istqarrija ta' l-imputat imħejjija mill-Avukat Dr. Alexandra Mamo markata Dok. "AMX" a fol. 96 sa' 128 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC402 Andrè Mifsud mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' April 2023[13] u x-xhieda ta' l-imputat mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Ġunju 2023[14] u rat id-dokumenti, ossia ritratti, esebiti minnu markati Dok. "MB1" u Dok. "MB2" a fol. 157 u 158 tal-proċess;

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 10 ta' Mejju 2023[15] permezz ta' liema bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

[1] Fol. 19 tal-proċess.
[2] Fol. 24 tal-proċess.
[3] Fol. 30 sa' 35 tal-proċess.
[4] Fol. 40 sa' 51 tal-proċess u fol. 58 tal-proċess.
[5] Fol. 52 sa' 57 tal-proċess.
[6] Fol. 73A u 73B tal-proċess.
[7] Fol. 83A u 83B tal-proċess.
[8] Fol. 85 u 86 tal-proċess.
[9] Fol. 90 u 91 tal-proċess.
[10] Fol. 92 u 93 tal-proċess.
[11] Fol. 95 tal-proċess.
[12] Fol. 129 u 130 tal-proċess.
[13] Fol. 134 u 135 tal-proċess.
[14] Fol. 140 sa' 156 tal-proċess.
[15] Fol. 137 tal-proċess.

- Fl-Artikoli 17, 214, 216, 218, 222(1)(a), 202(h)(9)(v) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 339(d) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 339(e) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2023[16], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja; Inqraw l-Artikoli;

Rat li waqt is-seduta tal-21 ta' Mejju 2024[17], id-Difiża u l-Avukat Difensur ta' Caroline Bugeja Bianco u Rydon Lee Bianco nfurmaw lill-Qorti illi l-imsemmija partijiet waslu fi ftehim bejniethom. Rat illi l-allegati vittmi ddikjaraw li mhux qed jinsistu li jkun hemm piena karċerarja effettiva fil-konfront ta' l-imputat u jqisu li fil-każ in eżami piena ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta tkun piena idoneja, flimkien ma' l-imposizzjoni ta' obbligazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex oġġezzjoni għall-posizzjoni adottata mill-allegati vittmi fir-rigward ta' piena fil-konfront ta' l-imputat;

Rat li f'dan l-istadju l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti wissietu bl-implikazzjonijiet legali ta' tali ammissjoni u tatu biżżejjed żmien sabiex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar id-9 ta' Novembru 2022 bejn 17:00hrs u 18:00hrs, ġewwa 11A, Shalom, Triq il-Bidni, Marsaskala, u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin: (1) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' martu Caroline Bugeja Bianco f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa u cioè offiża ta' natura gravi fuq l-istess Caroline Bugeja Bianco; (2) u aktar talli fl-istess data, ħinijiet u ċirkostanzi, ħebb kontra Rydon Lee Bianco sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali; (3) u aktar talli fl-istess data, ħinijiet u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Rydon Lee Bianco, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Inizjalment l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

B'Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 10 ta' Mejju 2023[18], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

---

[16] Fol. 138 tal-proċess.
[17] Fol. 170 tal-proċess.
[18] Fol. 137 tal-proċess.

- Fl-Artikoli 17, 214, 216, 218, 222(1)(a), 202(h)(9)(v) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 339(d) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 339(e) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2024, in segwitu għal ftehim milħuq mal-vittmi u wara li l-istess vittmi esprimew ruħhom dwar il-posizzjoni tagħhom fil-konfront ta' l-imputat dwar piena, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni, il-Qorti tqis li għandha ssib lill-imputat ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni dedotti kontrih iżda, in kwantu rigwarda l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tiegħu, u riflessa fl-Artikoli tal-Liġi indikati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 10 ta' Mejju 2023, tqis li fid-dawl tal-provi prodotti ma tistax u ma għandhiex issib lill-imputat ħati tar-reat ta' ġrieħi volontarji ta' natura gravi fuq Caroline Bugeja Bianco iżda għandha ssibu ħati tar-reat minuri u kompriż ta' grieħi volontarji ta' natura ħafifa u ta' importanza żgħira fuq l-imsemmija Caroline Bugeja Bianco.

It-Tobba li nvistaw lil Caroline Bugeja Bianco wara l-inċident ma' l-imputat, ossia Dr. Mark Aquilina mill-Paola Health Centre fid-9 ta' Novembru 2022 u Dr. David Fenech mill-Isptar Mater Dei fl-14 ta' Novembru 2022, entrambe kklassifikaw il-ġrieħi riskontrati f'Caroline Bugeja Bianco bħala *slight*, hekk kif del resto indikat fiċ-ċertifikati mediċi[19] maħruġa minnhom u kif kkonfermat fix-xhieda li taw fil-kors ta' dawn il-proċeduri rispettivament fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2023[20] u fis-16 ta' Frar 2023[21]. L-Espert Mediku nominat mill-Qorti, Dr. Mario Scerri, ukoll ikkonkluda li l-ġrieħi sofferti minn Caroline Bugeja Bianco in segwitu għall-inċident ma' l-imputat kienu ta' natura ħafifa u ta' importanza żgħira. In effetti fir-Relazzjoni[22] tiegħu huwa kkonkluda li Caroline Bugeja Bianco *kellha ċikkatriċi rqiqa fuq il-crease tal-kappell ta' l-għajn ix-xellugija, liema ċikatriċi kienet riżultat ta' laċerazzjoni riżultat ta' blunt trauma; Illi din iċ-ċikkatriċi ma tidhirx from within talking distance* u fix-xhieda li ta fil-kors ta' dawn il-proċeduri fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2023[23], mistoqsi dwar il-ġrieħi riskontrati minn Caroline Bugeja Bianco, Dr. Scerri wieġeb *ċikkatriċi ma tidhirx, of a slight nature and of no significance.*

Fid-dawl ta' dan għalhekk il-Qorti ttenni li a bażi ta' l-ammissjoni ta' l-imputat hija għandha ssibu ħati tar-reat ta' grieħi volontarji ta' natura ħafifa u ta' importanza żgħira fuq Caroline Bugeja Bianco u ħati wkoll tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, in-natura tal-ġrieħi kawżati lil Caroline Bugeja Bianco, li irriżulta li huma ħfief u ta' importanza żgħira, u ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta.

---

[19] Dok. "SB12" u Dok. "SB13" a fol. 38 u 39 tal-proċess.
[20] Fol. 83A u 83B tal-proċess.
[21] Fol. 88 u 89 tal-proċess.
[22] Dok. "MS" a fol. 74 sa' 83 tal-proċess.
[23] Fol. 73A u 73B tal-proċess.

**Decide:**

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(d), 31, 202(h)(i), 214, 215, 221(3)(a)(4), 222(1)(a) u 339(1)(d)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess u bażi tal-provi mismugħa, tar-reat ta' ġrieħi volontarji ta' natura ħafifa u ta' importanza żgħira fuq Caroline Bugeja Bianco, kif ukoll tat-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu iżda, peress li tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, senjatament il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta u l-posizzjoni assunta mill-vittmi fir-rigward ta' piena, ma jkunx spedjenti li l-imputat jingħata piena karċerarja, a tenur ta' l-Artikolu 22(1) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien sena (1) mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-imputat, bi kliem li jiftiehem sew, illi jekk huwa jagħmel reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, ossia matul it-terminu ta' sena (1) mid-data ta' din is-sentenza, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reati minnu ammessi f'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex izzomm il-bon ordni pubbliku ma' Caroline Bugeja Bianco u Rydon Lee Bianco, qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu innfisu taħt penali ta' mitjen Euro (€200) għall-perijodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri millum. L-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-imputat qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha. Il-Qorti qed tavża lill-imputat li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab ħati quddiem Qorti kompetenti li kiser il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tiegħu, is-somma ta' mitejn Euro (€200) li għaliha obbligu ruħu tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali s-somma ta' €309.00 rappreżentanti spejjeż in konnessjoni mal-ħatra ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri[24].

Ai termini ta' l-Artikolu 370(6) u 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza u ta' l-obbligazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta annessa magħha u formanti parti integrali minnha.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[24] Fol. 83 tal-proċess.